MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 103/2021 LM

**Sylvia Bartolo (K.I. 214280M) u Mireille Gheiti (K.I. 298982M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Actavis Limited (C 2867)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Actavis Limited (C 2867)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-27 ta' Settembru,

2021, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li għandu jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti **Sylvia Bartolo (K.I. 214280M) u Mireille Gheiti (K.I. 298982M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] fil-konfront tas-soċjetà intimata, u konsegwentement iddeċieda li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti mis-soċjetà intimata, u ordna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' €6,000 lil kull waħda mir-rikorrenti, bl-ispejjeż tal-kawża kontra s-soċjetà intimata.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti kienu ilhom impjegati bħala *packaging operators* mas-soċjetà intimata għal għadd ta' snin. Mill-provi jirriżulta li Mireille Gheiti kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata għal madwar sittax-il sena, filwaqt li Sylvia Bartolo kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata erba' snin. Ir-rikorrenti qalu quddiem it-Tribunal li għall-ħabta ta' Novembru, 2016, is-soċjetà intimata kienet ħabbret li kienet ser tnaqqas l-operat tagħha f'Malta għaliex kien naqsilha x-xogħol, u kienet ser ittemm is-sistema tal-*four shift,* u minflok kienet sejra tadotta s-sistema tat-*three shift,* u ħabbret ukoll li kien ser ikun hemm għadd ta' sensji. Qalu li dak iż-żmien il-General Workers' Union, f'isem il-ħaddiema membri tagħha, kienet ipproponiet li l-kumpannija toffri pakkett ta' kumpens finanzjarju għal min volontarjament ried jirriżenja mill-impjieg, għaliex kien hemm numru ta' ħaddiema li wrew interess li jitilqu mill-impjieg minn jeddhom, peress li ma setgħux jaħdmu skont l-iskema ta' xiftijiet li ġiet proposta.

Ir-rikorrenti qalu li l-kumpannija ħejjiet lista ta' persuni u rwoli li kienu ser ikunu milquta mis-sensji, u kkomunikat il-pożizzjoni tagħha lill-impjegati. Essenzjament il-pożizzjoni tal-kumpannija kienet li f'każ li kien hemm persuni li ma kinux ser jintlaqtu mis-sensji minħabba fit-tħaddim tal-prinċipju *last in first out*, imma li kienu lesti li jitilqu mill-impjieg minflok il-persuni fl-istess rwol milquta mis-sensji, il-kumpannija kienet lesta li 'issalva' l-impjieg tal-persuni fuq il-lista tas-sensji. Ir-rikorrenti qalu li fil-laqgħat li saru bejn il-GWU u l-kumpannija, ġie propost li jkun hemm ħames ġimgħat salarju għal kull sena servizz b'żieda mal-kumpens għan-*notice* skont il-liġi, iżda meta din il-proposta tressqet lill-ħaddiema tal-fabbrika tal-kumpannija ta' Bulebel, din il-proposta ġiet rifjutata. Ir-rikorrenti qalu li f'dawn il-laqgħat, is-soċjetà intimata offriet ħamsa u tletin (35) pakkett ta' kumpens ta' ħames ġimgħat salarju għal kull sena servizz, u ddikjarat li ma kinitx sejra ttejjeb dik l-offerta, li għalhekk kellha titqies bħala *take it or leave it.* Ir-rikorrenti żiedu jgħidu li kien hemm numru ta' ħaddiema, fosthom ir-rikorrenti, li volontarjament tefgħu ir-riżenja tagħhom, bl-intiża li kienu ser jirċievu s-somma kif proposta mill-kumpannija fil-laqgħat ta' konċiljazzjoni. Ir-rikorrenti qalu li l-kumpannija aċċettat ir-riżenji kollha tal-ħaddiema li tefgħu r-riżenja tagħhom, iżda filwaqt li l-ħaddiema sħabhom irċevew il-pakkett tal-kumpens offrut, ir-rikorrenti irċevew biss l-aċċettazzjoni tar-riżenja, mingħajr il-kumpens ta' ħames ġimgħat salarju għal kull sena servizz, kif ħadu l-ħaddiema sħabhom. Ir-rikorrenti qalu li għalhekk b'dan l-aġir is-soċjetà intimata rrendiet ruħha ħatja ta' diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom.

**Mertu**

3. Permezz tat-talbiet tagħhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti talbu li (i) jiġi ddikjarat li l-aġir tas-soċjetà intimata fil-konfront tagħhom huwa diskriminatorju u bi ksur tal-artikolu 26 *et seq.* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) l-kumpannija tiġi ordnata tħallas kumpens ġust lir-rikorrenti għad-diskriminazzjoni sofferta minnhom; (iii) it-Tribunal jagħti kull ordni oħra li jista' jqis xierqa u opportuna fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha wieġbet li r-rikorrenti kienu impjegati magħha bħala *operators* għal terminu indefinit, u huma kienu rriżenjaw mill-impjieg tagħhom b'effett mill-20 ta' Jannar, 2017. Qalet li fiż-żmien meta r-rikorrenti kienu għadhom impjegati magħha, hija kienet bdiet negozjati mal-General Workers Union (GWU) minħabba li kienet ser tagħti xi sensji li kienu ser jolqtu lil għadd ta' impjegati tagħha, fosthom dawk li kienu jaħdmu f'fabbriki li l-kumpannija kellha Bulebel, fost l-oħrajn. Qalet li finalment il-pakkett maqbul mal-GWU ma ġiex aċċettat mill-impjegati affettwati. Kompliet tgħid li minkejja li ma kienx hemm qbil mal-GWU u minkejja li s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda obbligu legali li toffri pakkett finanzjarju lill-ħaddiema tagħha, il-kumpannija xorta waħda offriet pakkett b'ċerti kundizzjonijiet għall-impjegati li setgħu jintlaqtu bis-sensja. Qalet li hija offriet dan il-pakkett anki lill-ħaddiema li qegħdin fl-istess grad jew klassi tal-ħaddiema li ser ikunu milquta mis-sensji, li volontarjament tefgħu r-riżenja tagħhom, jekk effettivament b'dik ir-riżenja

huma jkunu ser isalvaw l-impjieg ta' persuna fuq dik il-lista ta' *redundancies.* Is-soċjetà intimata spjegat li l-kundizzjonijiet biex impjegat jieħu dan il-pakkett kienu li l-impjegat irid jirriżenja volontarjament bl-għan li jsalva l-impjieg ta' wieħed mill-impjegati milquta mir-*redundancies.* Qalet li dan ifisser li ma kienx suffiċjenti li wieħed jirriżenja volontarjament, iżda li wieħed jirriżenja bil-għan li jsalva wieħed mill-impjegati li kienu ser isiru *redundant.* Qalet ukoll li l-impjegat ried ikun fl-istess klassi jew grad ta' xogħol bħal dawk li ser ikunu milquta mir-*redundancies,* li l-impjegat irid jirriżenja volontarjament, u li l-pakkett huwa disponibbli fuq il-bażi ta' *first come first served.* Is-soċjetà intimata qalet li l-impjegati kienu jafu b'dawn il-kundizzjonijiet minn qabel. Spjegat li r-rikorrenti kienu jaħdmu fuq *four shift system,* u qabel ma kien hemm diskussjonijiet dwar is-sensji, il-kumpannija kienet bidlet is-*shift pattern* għal wieħed ta' *three shift system* minħabba raġunijiet operazzjonali u minħabba nuqqas ta' domanda, f'tentattiv sabiex jiġu evitati s-sensji. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrenti, għal raġunijiet personali tagħhom, għażlu li ma jaħdmux fuq *three shift system,* u għalhekk taw ir-riżenja tagħhom b'mod volontarju. Qalet li r-rikorrenti kienu fost l-impjegati bl-aktar *seniority* fil-grad tagħhom ta' *operator,* u għalhekk bir-riżenja tagħhom dawn ma salvaw ebda ħaddiem fl-istess klassi jew grad, u għalhekk ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-kumpannija. Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk ir-rikorrenti ma kinux eliġibbli għall-pakkett li kienet qiegħda toffri hi. Is-soċjetà intimata qalet li fl-ittra ta' riżenja tagħha, Sylvia Bartolo ma tagħmel l-ebda riferiment għall-pakkett finanzjarju, iżda tisħaq b'mod ċar li qiegħda tirriżenja minħabba t-*three shift system* u l-mod kif din affettwat il-ħajja familjari tagħha. Qalet li l-istess jista' jingħad dwar ir-rikorrenti

l-oħra Mireille Gheiti fejn fl-ittra tagħha tal-4 ta' Jannar, 2017 din qalet li kienet qegħda tirriżenja unikament fl-aħjar interess tal-karriera tagħha, u naqset milli tagħmel riferiment għall-pakkett offrut mis-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrenti mhumiex korretti, meta fl-applikazzjoni tagħhom huma jgħidu li kienu tefgħu r-riżenja tagħhom volontarjament bl-intiża li kienu ser jirċievu somma kif propost mis-soċjetà intimata fil-laqgħat li kienu saru. Qalet li r-rikorrenti kienu jafu li f'dak l-istadju ma kienx għad hemm ftehim mal-GWU, ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar il-pakkett u ma kien hemm l-ebda garanzija li huma kienu ser jingħataw il-pakkett. Kompliet tgħid li r-rikorrenti ġew infurmati fl-istadju tar-riżenja, li ma kien hemm l-ebda garanzija li huma kienu ser jieħdu pakkett finanzjarju kif qalu fir-rikors tagħhom. Qalet ukoll li din il-kwistjoni bl-ebda mod ma tinkwadra fil-parametri tal-artikoli 26 *et seq.* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant talbet lit-Tribunal jiddeċiedi li f'dan il-każ m'hemm l-ebda diskriminazzjoni *ai termini* tal-artikolu 26 *et seq.* tal-Kap. 452, u konsegwentement ir-rikorrenti m'huma intitolati għall-ebda kumpens.

5. **Jason Deguara**, uffiċjal tal-General Workers Union fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal spjega li huwa kien involva ruħhu fil-kwistjoni tas-sensji li ngħataw lill-ħaddiema tal-Actavis. Qal li huwa kien ġie infurmat li kien hemm għadd ta' impjegati li kienu ser jingħataw is-sensja kemm fil-fabbrika ta' Bulebel kif ukoll fil-fabbrika ta' Ħal Far. Qal li l-għada filgħodu l-kumpannija laqqgħet lill-ħaddiema u infurmathom b'dan. Żied jgħid li l-impjegati ġew infurmati illi filwaqt li fil-fabbrika ta' Bulebel kien hemm madwar ħamsa u għoxrin impjieg li ser jiġu tterminati, il-fabbrika ta' Ħal Far kienet ser tingħalaq kompletament, u

għalhekk iż-żewġ gruppi ta' ħaddiema ma setgħux jiġu ttrattati bl-istess mod. Qal li kien għalhekk li kien intlaħaq ftehim mal-*management* sabiex id-diskussjonijiet dwar iż-żewġ gruppi ta' ħaddiema jitmexxew b'mod separat. Qal li fil-laqgħat li kienu saru, il-*union* xtaqet li jinħoloq pakkett minħabba li kien hemm ammont ta' persuni li ma setgħux jaħdmu bit-*three shift* wara li l-kumpannija avżat li l-*four shift* kien qiegħed jiġi eliminat. Ix-xhud qal li din id-deċiżjoni tal-kumpannija kellha impatt negattiv ħafna fuq ħaddiema nisa li kellhom familja. Qal li kien għalhekk li ġie suġġerit li jinħoloq pakkett li jiġi offrut lil kull min ried jitlaq mill-impjieg b'mod volontarju, minflok ma l-kumpannija taħdem fuq il-prinċipju ta' *last in first out.* Qal ukoll li għall-kumpannija sakemm in-numru ta' persuni li kellhom jitilqu mill-impjieg ma jinbidilx, u l-persuni li jitilqu b'mod volontarju jkunu fil-gradi li l-kumpannija ma kienx fi ħsiebha żżomm fl-impjieg, din ma kellhiex problema li jsir kif ġie suġġerit. Ix-xhud qal li wara ħafna taħdidiet, l-offerta finali tas-soċjetà intimata kienet ħlas ta' ħames ġimgħat salarju għal kull sena fl-impjieg magħha. Ix-xhud qal li meta l-ħaddiema fil-fabbrika ta' Bulebel ingħataw din l-informazzjoni, ma qablux mal-pakkett offrut mill-kumpannija, u minflok talbu li jingħataw l-istess pakkett li ngħataw il-ħaddiema ta' Ħal Far, li ħadu ħlas ta' għaxar ġimgħat għal kull sena li kienu ilhom fl-impjieg. Qal li għalhekk dan il-pakkett ġie rifjutat mill-ħaddiema b'mod unanimu. Ix-xhud qal li minkejja li l-*union* ma ġietx awtorizzata tiffirma dan il-ftehim għan-nom tal-ħaddiema tagħha, il-*management* tal-kumpannija beda jlaqqa' lill-ħaddiema u jinfurmahom li d-deċiżjoni dwar il-kumpens kienet waħda finali u li ma kinitx sejra tinbidel. Qal li kien għalhekk li kien hemm numru ta' ħaddiema li bdew imorru bir-riżenja tagħhom għand il-kumpannija, bil-ħsieb

li jieħdu dan il-pakkett. Qal li dan wassal biex inqala' ħafna taħwid. Spjega li minkejja li s-soċjetà intimata bdiet tgħid li kienet qegħda toffri ħamsa u tletin pakkett, fil-verità din tat tlieta u tletin pakkett, u dan kollu fl-ambitu tal-fatt li ma ntlaħaq l-ebda ftehim *tramite* l-*union.* Ix-xhud qal li sadanittant huwa kien qiegħed ikollu telefonati mingħand diversi ħaddiema, fosthom mingħand ir-rikorrenti, li riedu jkunu jafu jekk kienx jaqblilhom jitfgħu r-riżenja tagħhom jew le. Qal li huwa kull darba kien iwieġeb li jekk l-*union* tinnegozja pakkett tajjeb f'isimhom, ikun aħjar jekk ma jitfgħux ir-riżenja tagħhom għalissa. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma li r-riżenja tar-rikorrenti ngħatat fl-istess żmien li kienu qegħdin jirriżenjaw ħaddiema oħra mill-impjieg. Ix-xhud qal ukoll li fil-verità rriżenjaw aktar minn tlieta u tletin ħaddiem, iżda li l-kumpannija tat tlieta u tletin pakkett. Ix-xhud qal li fil-fehma tiegħu r-rikorrenti rriżenjaw għaliex is-soċjetà intimata kienet qegħda tgħid li biex impjegat ikun intitolat għall-pakkett, dan kellu jirriżenja volontarjament.

6. Ir-rikorrenti **Mireille Gheiti**, fix-xhieda tagħha qalet li hija kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata għal sittax-il sena bħala *packaging operator,* u fl-24 ta' Novembru, 2016, wieħed mill-esponenti tal-kumpannija kien laqqa' lill-ħaddiema u infurmahom li l-*four shift system* kienet ser tieqaf. Qalet li dakinhar stess, kien hemm żewġ impjegati li taw ir-riżenja tagħhom. Ix-xhud kompliet tgħid li wara xi ġranet, il-*manager* tat-Taqsima fejn kienet taħdem hi, kienet infurmathom li l-kumpannija aktarx kienet ser toħroġ xi skemi għal min kien ser jintlaqat bit-tneħħija tal-*four shift.* Qalet li fl-4 ta' Jannar, 2017, waqt li hija kienet qegħda tagħmel eżami, kienet irċeviet telefonata mingħand din l-istess

*manager,* li kienet ħeġġitha tagħti r-riżenja tagħha sabiex tkun biċ-ċans li tieħu l-pakkett li kienet qegħda toffri l-kumpannija. Ix-xhud qalet li kienet għamlet verifiki, u sabet li hija kienet l-għaxar waħda li tat ir-riżenja tagħha. Qalet li l-*manager* tagħha kienet assigurataha li hija kienet ser tingħata l-pakkett offrut. Ix-xhud qalet li kull min ta r-riżenja tiegħu dak iż-żmien, għamel dan bil-ħsieb li jieħu somma flus, u fil-każ tagħha din kienet tammonta għal madwar tmienja u għoxrin elf Euro, minħabba l-ammont ta' snin li hija kienet ilha impjegata mal-kumpannija.

7. Ir-rikorrenti **Sylvia Bartolo** qalet li hija kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata erba' snin. Qalet li fiż-żmien meta l-kumpannija ħabbret li kien ser jitneħħa l-*four shift,* hija kienet bil-*maternity leave.* Ix-xhud qalet li meta l-kumpannija ħabbret li l-*four shift* kien ser jitneħħa, kien inqala' paniku fost l-impjegati, l-aktar dawk ommijiet. Qalet ukoll li meta beda jissemma li kien ser jiġi offrut kumpens lil min jagħti r-riżenja tiegħu b'mod volontarju, hija ma setgħetx tagħmel dan minħabba li kienet għadha kif daħlet mill-*maternity leave,* u għalhekk kellha taħdem għal sitt xhur. Qalet li hija tat ir-riżenja tagħha wara li għaddew is-sitt xhur, u meta tat ir-riżenja tagħha, hija għamlet dan għaliex kien ser jiġi offrut pakkett. Minkejja dan, ix-xhud ikkonfermat li hija ma kinitx taf dan il-pakkett x'kien fih. Ix-xhud qalet li l-kumpannija wegħdet li ser toffri ħamsa u tletin pakkett, u hija kienet l-erbgħa u tletin waħda li tat ir-riżenja tagħha. Irriżulta iżda li l-kumpannija tat tlieta u tletin pakkett. Qalet li kollegi tagħha li taw ir-riżenja tagħhom fl-istess żmien kienu ħadu ħlas ta' ħames ġimgħat salarju għal kull sena li kienu ilhom fl-impjieg, flimkien mal-ħlas tal-perijodu tan-*notice.*

Qalet li hija lanqas tirreġistra għax-xogħol ma setgħet, għaliex ġiet li rriżenjat minn jeddha. Qalet ukoll li mill-kalkoli tagħha hija kienet intitolata għal somma ta' madwar sebat elef Euro.

8. **Patrick Cachia**, Direttur Maniġerjali tas-soċjetà intimata, xehed li huwa ilu jokkupa din il-kariga mill-2012, u b'kollox kien ilu madwar erbgħa u għoxrin sena mal-kumpannija. Qal li fl-2015 is-soċjetà intimata nxtrat minn kumpannija akbar, Teva, u kien sussegwentement għal dan l-akkwist li beda jsir xi ċaqliq fil-kumpannija. Qal li fl-aħħar snin il-volum ta' xogħol fil-kumpannija kien kiber, u kien għalhekk li ġiet introdotta s-sistema tal-*four shift.* Qal li minħabba tnaqqis fil-volum ta' bejgħ, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-impjant ta' Ħal Far għandu jingħalaq, bir-riżultat li madwar mija u għoxrin ruħ spiċċaw mingħajr impjieg, filwaqt li kien hemm ħamsa u tletin impjegat ieħor mill-fabbrika ta' Bulebel li ukoll kellhom jiġu ssensjati. Ix-xhud qal li hekk kif ittieħdet din id-deċiżjoni, ġew infurmati uffiċjali tal-Gvern kif ukoll uffiċjali tal-*union,* u minn hawn skatta perijodu ta' konsultazzjoni ta' xahar. Qal li d-diskussjoni bdiet bil-lista ta' pożizzjonijiet li kienu ser jiġu ssensjati. Qal ukoll li l-pakkett li beda jiġi diskuss għall-ħaddiema ta' Bulebel kien differenti mill-pakkett li ġie diskuss għall-ħaddiema ta' Ħal Far, li kienu ser jinżammu fl-impjieg sal-2018, meta l-fabbrika kellha tingħalaq kompletament. Qal li minkejja li l-kumpannija riedet tneħħi ħamsa u tletin impjegat, u għalhekk kienet lesta li toffri daqstant pakketti ta' kumpens, minn dawn sbatax biss kienu fit-Taqsima tal-*Packaging.* Qal li r-rikorrenti Mireille Gheiti kienet l-għoxrin waħda fuq il-lista, u din għażlet li tirriżenja minn jeddha. Qal li n-nies bdew jirriżenjaw mill-impjieg minn jeddhom

minkejja li kien għadu ma ntlaħaqx ftehim mal-*union.* Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li l-kumpannija infurmat lill-ħaddiema li kien ser jitneħħa l-*four shift,* kien hemm żewġ impjegati li taw ir-riżenja minn jeddhom dak il-ħin, u dawn ingħataw is-*severance package* ta' ħames ġimgħat ħlas għal kull sena li kienu ilhom fl-impjieg. Ix-xhud qal li persuna li ma tkunx irriżenjat minn mal-kumpannija, ma setgħet qatt tingħata dan il-pakkett finanzjarju. Ix-xhud qal li hu jaf li Mireille Gheiti kienet kontinwament tistaqsi lill-Kap tal-HR dwar dan il-pakkett finanzjarju.

9. **Josef Bugeja**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien sar jaf bis-sensji bħala Segretarju Ġenerali tal-General Workers Union. Ix-xhud qal li fil-każ tar-rikorrenti, dawn taw ir-riżenja tagħhom bil-ħsieb li setgħu jieħdu somma flus bħala kumpens. Qal li sabiex ħaddiem jingħata l-pakkett ta' kumpens, dan kellu jirriżenja u bir-riżenja tiegħu jsalva l-impjieg ta' ħaddieħor. Ix-xhud qal li huwa sar jaf li minflok il-ħamsa u tletin pakkett li wegħdet li ser tagħti s-soċjetà intimata, din tat tlieta u tletin pakkett, u t-tnejn min-nies li qabdu u taw ir-riżenja tagħhom hekk kif tħabbar li ser jiġi eliminat il-*four shift,* kienu ħadu l-pakkett ukoll.

10. **Nataline Mifsud**, fix-xhieda tagħha qalet li hija kienet *HR Manager* mas-soċjetà intimata fil-passat u kienet ukoll responsabbli mill-manifattura fl-Ewropa. Qalet li kien hemm żmien meta beda jiġi nnutat tnaqqis fil-volum fl-impjant ta' Bulebel, u għalhekk kien ġie deċiż li ma jibqax jitħaddem il-*four shift* fit-Taqsima tal-*Packaging.* Qalet li meta ttieħdet id-deċiżjoni li jitnaqqsu wkoll

għadd ta' impjiegi, il-ħaddiema ġew infurmati li kienet ser tiġi involuta l-*union.* Ix-xhud qalet li l-pjan oriġinali kien li jitnaqqsu ħamsa u tletin impjieg, tnejn minnhom *cleaners,* għalkemm sussegwentement il-kumpannija ddeċidiet li żżomm lil dawn iż-żewġ *cleaners.* Qalet li fir-rigward tat-tlieta u tletin impjieg li kienu ser jiġu milquta, tħaddmet is-sistema ta' *last in first out,* u kien hemm ukoll l-għażla li ħaddiema li ilhom impjegati mal-kumpannija, setgħu joffru li jirriżenjaw sabiex isalvaw l-impjieg ta' xi ħaddieħor, u dawn ukoll kellhom l-għażla li jingħataw il-kumpens. F'udjenza sussegwenti, ix-xhud ikkonfermat li kull persuna li marret biex tagħti r-riżenja, bdiet tiġi infurmata li ma kellhiex garanzija li kienet ser tingħata l-pakkett finanzjarju.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Settembru, 2021, it-Tribunal iddeċieda li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti da parti tas-soċjetà intimata, u għalhekk iddeċieda li s-soċjetà intimata għandha tħallas is-somma ta' €6,000 bħala kumpens lil kull waħda mir-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Konsiderazzjonijiet***
>
> *It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-każ u jibda biex jgħid li r-rikorrenti kienu mgħaġġlin sabiex jirriżenjaw. Seta' li kellhom xi raġunijiet fosthom li waħda kienet għadha kif kellha tarbija u l-oħra kellha xi eżami. Jista' jkun ukoll li kien hemm xi pressjoni da parte tal-Management sabiex jirriżenjaw. Li hu żgur hu li ma ħadux parir mill-Union jew xi Avukat. Ħassew li kellhom jagħtu riżenja meta ma kien hemm xejn konkluż. It-Tribunal iħoss li din il-mossa kienet kemm xejn irresponsabbli. Min-naħa l-*

*oħra għandu jirriżulta illi l-Management tal-kumpannija dejjem qalu li ser jagħtu r-*redundancy packet *għal tlieta u tletin ħaddiem, xi ħaġa li l-Management ma tistax tivvinta l-Liġi, kif ukoll li min ser jirriżenja jrid isalva xi ħaddiem ieħor. It-Tribunal ma jistax jifhem dawn il-kundizzjonijiet speċjalment meta hemm il-Liġi. Wieħed jista' jinnegozja, però wieħed ma jridx jinsa s-snin ta' servizz li ċerti ħaddiema taw lill-kumpannija.*

*It-Tribunal qiegħed jagħmilha ċara li mhux ser jiddeċiedi dan il-każ fuq jekk huwa dovut is-servizz jew le imma jekk kienx hemm diskriminazzjoni.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li kien hemm diskriminazzjoni anzi diskriminazzjoni lampanti. Hemm il-Liġi u l-Management ma jistax jivvinta kundizzjonijiet li jneħħi d-drittijiet ta' oħrajn għax hekk jaħseb jew li jiddetta illi jrid isalva xi ħaddiema oħra sabiex jieħu l-pakkett.*

*Il-Management aġixxa b'mod diskriminatorju. Minħabba l-aġir prematur tar-rikorrenti però dan it-Tribunal qiegħed jordna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' sitt elef euro (€6,000) għal kull rikorrenti bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, ra u eżamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u s-sottomissjonijiet, jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jiddeċiedi li hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti mis-soċjetà intimata, u jordna lis-soċjetà intimata l-ħlas tas-somma ta' sitt elef euro (€6,000) għal kull rikorrenti bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata."*

## L-Appell

12. Is-soċjetà intimata appellat mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell tat-8 ta' Ottubru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiddeċiedi li l-elementi legali ta' diskriminazzjoni ma ġewx sodisfatti, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-appellati fl-intier tagħhom.

13. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata għaliex id-deċiżjoni appellata dwar diskriminazzjoni hija legalment żbaljata, billi l-kriterji ta' diskriminazzjoni ma ġewx sodisfatti, u għalhekk meta ffaċċjat bil-fatti tal-każ, it-Tribunal qatt ma seta' jikkonkludi li kien hemm xi tip ta' diskriminazzjoni. Is-soċjetà appellanta ċċitat l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 26(2)(b) tal-Kap. 452, li jiddefinixxi x'inhu dak li jammonta għal trattament diskriminatorju.[1] Is-soċjetà appellanta qalet li l-miżura addottata minnha ġiet implimentata sabiex tissalvagwardja x-xogħol tal-impjegati li ma setgħux jitilfu xogħolhom, u l-kriterji imposti minnha ma jiksru l-ebda liġi, tant hu hekk li ġew maqbula mal-*union,* u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li l-kriterji tal-eliġibilità tar-*redundancy packages* mhumiex ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Qalet li l-kriterji tal-eliġibilità għal dawn il-pakketti żgur li ma kellhom l-ebda element diskriminatorju, anzi kienu japplikaw b'mod ugwali għal kull impjegat li okkupa l-istess kariga, u ma eskludew lil ħadd abbażi ta' deskrizzjoni personali, anzi l-kriterji tal-eliġibbilità kienu bbażati fuq kundizzjonijiet ċari u oġġettivi li kienu miftiehma mal-General Workers Union u kkomunikati lill-impjegati. Is-soċjetà appellanta qalet li r-*redundancy packages* ma kinux imqassma arbitrarjament, iżda kienu mogħtija lil dawk l-impjegati li rriżenjaw volontarjament u li ssodisfaw il-kriterji kollha tal-eliġibbilità għal *redundancy packages*. Qalet li d-diskriminazzjoni tirrikjedi trattament differenti bejn nies li kienu fl-istess ċirkostanzi, kif ġie deċiż f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Żiedet tgħid li ladarba

[1] *"... azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kundizzjonijiet ta' impjieg li huma anqas favorevoli minn dawk minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta' trattament diskriminatorju"* Trattament diskriminatorju huwa definit fl-Att bħala *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika".*

l-appellati ma ssodisfawx il-kriterji kollha tal-eliġibbilità għal *redundancy packages,* huma ma kellhomx dritt għalihom. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li l-appellati ma kinux fl-istess sitwazzjoni bħal dawk l-impjegati li ssodisfaw il-kriterji kollha u rċevew ir-*redundancy packages,* u għalhekk dawn ma jistgħux jiġu kkomparati ma' xulxin, għaliex iċ-ċirkostanzi jvarjaw minn persuna għal oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa ċar li hija mxiet ma' kulħadd bl-istess mod, u ma kisret l-ebda liġi jew vinkolu kuntrattwali fl-għoti ta' dawn is-sensji. Is-soċjetà appellanta qalet li għandu jkun ċar li l-element bażiku ta' diskriminazzjoni abbażi ta' persuni fl-istess sitwazzjoni, ma ġiex sodisfatt, u għalhekk ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni mal-appellati.

14. Fit-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas legalment fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, għaliex dan ma tax indikazzjoni ta' kif wasal għall-konklużjoni li kien hemm diskriminazzjoni, kif inhu mitlub fl-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Qalet li fil-fatt id-deċiżjoni mogħtija fiha diversi żbalji fattwali, hija nieqsa minn kull tip ta' raġunament fattwali, fiha ħsibijiet konfliġġenti u ma tistax titqies bħala sentenza legalment valida *ai termini* tal-liġi.

**Ir-Risposti tal-Appell**

15. L-appellata **Mireille Gheiti**, fir-risposta tagħha qalet li filwaqt li hija taqbel mal-parti tad-deċiżjoni appellata li tgħid li l-aġir tas-soċjetà appellanta kien wieħed diskriminatorju, f'appell separat (104/2021) qalet li ma qablitx u

ħassitha aggravata bil-parti tad-deċiżjoni appellata li tikkonċerna l-*quantum* tal-kumpens. L-appellata Gheiti qalet li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn it-Tribunal kellu jagħtieha kumpens inqas minn dak li hija kienet tkun intitolata għalih bħala parti mill-pakkett finanzjarju offrut lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja.

16. L-appellata Gheiti qalet li mhux minnu li s-soċjetà appellanta offriet 33 pakkett finanzjarju, għaliex l-offerta oriġinali tagħha kienet ta' 35 pakkett, kif tikkonferma n-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnha. L-appellata Gheiti għamlet riferiment għax-xhieda ta' Jason Deguara u ta' Josef Bugeja, it-tnejn rappreżentanti tal-*union* li mexxiet it-taħdidiet f'isem l-impjegati, li qalu qalu li huma saru jafu li ġew offruti 33 pakkett wara li ngħalaq kollox u n-negozjati kienu waqfu. L-appellata Gheiti qalet li mhuwiex minnu li kien hemm qbil mal-*union* dwar ir-*redundancy packages,* u l-ħsieb oriġinarjament kien li l-pakketti kellhom jittieħdu fuq bażi ta' *first come first served,* iżda imbagħad ġie deċiż li dawn jistgħu jittieħdu fuq bażi ta' *seniority.* Imma dwar dan il-punt iżda ma kienx hemm qbil mal-*union.* L-appellata Gheiti tirrileva li s-soċjetà appellanta qegħda tgħid li l-ħaddiema kellhom jissodisfaw diversi kriterji kumulattivi sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-pakkett finanzjarju, iżda s-soċjetà appellanta naqset milli tindika wkoll li waħda mill-kundizzjonijiet kienet li tali riżenja kellha tiġi sottomessa bil-miktub mid-data li tiġi mħabbra l-iskema. Minkejja dan, mill-provi rriżulta li kien hemm żewġ ħaddiema li rriżenjaw fl-24 ta' Novembru, 2016, meta l-kumpannija ħabbret li ser taqleb minn sistema ta' *four shift* għal waħda ta' *three shift,* li bbenefikaw minn dawn il-pakketti,

minkejja li t-taħdidiet mal-*union* bdew l-għada, jiġifieri fil-25 ta' Novembru, 2016. Qalet li meta dawn iż-żewġ impjegati rriżenjaw, dawn ma kellhomx f'moħħhom li jsalvaw lil xi ħadd li kien ser jiġi affettwat bir-*redundancies.* Qalet li minkejja dan kollu, dawn xorta waħda ngħataw il-pakkett a skapitu ta' persuni bħalha, u din hija d-diskriminazzjoni 'lampanti' li kien qiegħed jitkellem dwarha t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu. Qalet ukoll li mhux minnu li l-impjegati ntalbu jsalvaw kollega minn tagħhom, u fl-ebda punt tul dan il-proċess mgħaġġel u diżorganizzat hija ma ġiet mitluba tidentifika l-persuna li kienet qiegħda 'issalva'. L-appellata Gheiti qalet ukoll li dakinhar li hija tefgħet ir-riżenja tagħha, hija ġiet infurmata li kienet ser tkun eliġibbli għall-pakkett finanzjarju offrut. L-appellata kompliet tgħid li disgħa mill-*packaging operators* irrifjutaw li jiġu salvati u għażlu r-*redundancy package,* u li fl-ebda punt huma ma ġew infurmati b'dak li qiegħda tgħid is-soċjetà appellata. Qalet li l-impjegati tħallew fl-għama dwar kollox, u dan meta l-impjieg ta' individwu ħafna drabi huwa l-uniku mezz kif wieħed jista' jgħajjex il-familja tiegħu.

17. L-appellata Gheiti tagħmel riferiment għas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta fejn tgħid li meta hija rriżenjat, hija kienet tard għaliex kienu diġà rriżenjaw tmien *packaging operators.* L-appellata Gheiti qalet li fl-ebda punt ma kienu nfurmati li l-pakketti għall-*packaging operators* kienu spiċċaw, u l-impjegati dejjem ġew infurmati b'35 pakkett u mhux bi 33. Qalet li mill-provi ħareġ ċar li kien hemm żewġ individwi li applikaw qabel ħarġu d-dettalji tal-iskema u li ngħataw il-pakkett minflokha.

18. B'riferiment speċifiku għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellata Gheiti qalet li fit-tifsira ta' 'diskriminazzjoni' fil-Kap. 452 tintuża l-kelma 'inkluża', u mhux il-kelma 'bħal' li nsibu fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Qalet li dan ifisser li l-lista ta' eżempji ta' diskriminazzjoni fil-Kap. 452 fit-tifsira ta' 'diskriminazzjoni', hija aktar wiesgħa u mhijiex waħda eżawrjenti. L-appellata Gheiti qalet li fil-kamp industrijali, dak li qegħda tipprova tagħmel il-liġi huwa li tevita li jkun hemm aġir arbitrarju b'mod li impjegat ikollu kundizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk ta' sħabu. L-appellata Gheiti qalet li s-soċjetà appellanta naqset milli tgħid li sabiex wieħed jikkwalifika għal tali skema, ir-riżenja tal-impjegat kellha ssir bil-miktub u mid-data li tiġi mħabbra l-iskema. L-appellata Gheiti qalet li kien hemm diskriminazzjoni meta wieħed iqabbel il-pożizzjoni tagħha ma' dik tat-33 impjegat l-ieħor li ngħataw il-pakkett finanzjarju, kif ukoll meta wieħed jikkonsidra li kien hemm żewġ impjegati li ħadu l-pakkett finanzjarju minkejja li applikaw qabel ma bdew in-negozjati mal-*union*. L-appellata Gheiti qalet li l-intenzjoni kienet li seta' jibbenefika min jirriżenja wara li ġiet imħabbra l-iskema u mhux qabel.

19. L-appellata Gheiti għamlet riferiment ukoll għall-fatt li s-soċjetà appellanta allegat li ħadd mill-impjegati ma kellu garanzija li ser jirċievi s-somma meta tefa' r-riżenja. L-appellata qalet li din hija ammissjoni ċara li ftehim ma kienx hemm, iżda staqsiet kif seta' jkun li ħaddiema li rriżenjaw fl-24 ta' Novembru, 2016 ngħataw il-pakkett finanzjarju, filwaqt li hija ma ngħatat xejn. Qalet li fl-24 ta' Novembru, 2016 ċertament li kienu għadhom ma bdewx in-

negozjati mal-*union* dwar x'forma ser jieħu l-pakkett, u l-membri tal-*union* ma kellhom l-ebda informazzjoni dwar dawk li setgħu jkunu eliġibbli għalih.

20. L-appellata Gheiti qalet li s-soċjetà appellanta ma kinitx korretta lanqas meta allegat li hija ma kinitx fl-istess pożizzjoni bħal ħaddiema li ssodisfaw il-kriterji kollha, u qalet li għandu jirriżulta li hija kienet fil-pożizzjoni l-korretta, u hija rriżenjat biss wara li ngħatat parir biex tagħmel dan. L-appellata Gheiti qalet li barra minn hekk, hija dejjem ingħatat l-impressjoni li kienet ser tingħata l-pakkett finanzjarju, u fl-ebda punt ma kellha xi indikazzjoni li dan ma kienx ser jingħata lilha, għaliex hija għamlitha ċara li kienet qegħda tirriżenja minħabba f'hekk.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellata Gheiti qalet li hija ma tistax taqbel li ma ngħatawx raġunijiet biżżejjed li kellhom iwassal lit-Tribunal għall-konklużjoni li l-aġir tas-soċjetà appellanta kien wieħed diskriminatorju. Qalet li kien hemm element ta' arbitrarjetà fit-tqassim tal-pakkett finanzjarju, li wasslet għall-aġir diskriminatorju, u li kien għalhekk li t-Tribunal ikkonkluda li f'dan il-każ id-'diskriminazzjoni' kienet waħda lampanti.

22. L-appellata **Sylvia Bartolo** fir-risposta tagħha kkonfermat l-istess punti li tqajmu mill-appellata Mireille Gheiti fir-risposta tagħha. L-appellata Bartolo rrilevat li s-soċjetà appellanta naqset milli tgħid li waħda mill-kundizzjonijiet għall-eliġibbilità għall-iskema, kienet li r-riżenja kellha tiġi sottomessa bil-miktub mid-data li fiha tiġi mħabbra l-iskema. Qalet li l-implimentazzjoni nnifisha tal-kundizzjonijiet wasslet għal diskriminazzjoni fil-konfront tagħha, partikolarment

għaliex kien hemm żewġ impjegati li ma kinux eliġibbli għall-pakkett, u li rriżenjaw qabel tħabbret l-iskema, u li xorta waħda bbenefikaw mir-*redundancy package* offrut. Bartolo qalet ukoll li hija rriżenjat biss wara li ngħatat parir biex tagħmel dan.

23. L-appellata Bartolo qalet ukoll li hija ma tistax taqbel mat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta li fid-deċiżjoni appellata ma ngħatawx raġunijiet biżżejjed għalfejn it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-aġir tas-soċjetà appellanta kien wieħed diskriminatorju. L-appellata Bartolo għamlet riferiment għall-parti tad-deċiżjoni appellata li tgħid li teżisti l-liġi u l-*management* ma setax jivvinta kundizzjonijiet u jneħħi drittijiet, jew inkella jiddikjara li l-impjiegi ta' xi ħaddiema setgħu jiġu salvati bis-saħħa ta' dawk li ħadu l-pakkett finanzjarju. Qalet li kienet din l-arbitrarjetà fit-tqassim tal-pakkett finanzjarju li wasslet għall-aġir diskriminatorju, bit-Tribunal jgħid fid-deċiżjoni appellata li d-diskriminazzjoni kienet waħda 'lampanti'.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposti ntavolati mill-appellati u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Il-Qorti sejra tibda biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, li fl-ewwel lok ma qablitx mal-konklużjoni tat-Tribunal li kien hemm aġir diskriminatorju fil-konfront tal-appellati. Il-Qorti tirrileva li l-appellati pproċedew b'kawża

quddiem it-Tribunal wara li ħassew li huma sfaw diskriminati, meta flimkien ma' għadd ta' impjegati oħra tas-soċjetà intimata li ġew issensjati kollettivament, huma rriżenjaw mill-impjieg volontarjament kif ingħataw parir li jagħmlu mill-*management*, iżda filwaqt li numru kbir mill-impjegati l-oħra ngħataw *redundancy package,* ir-rikorrenti ma ngħataw xejn, wara li ġew infurmati li huma ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità sabiex setgħu jibbenefikaw minn dan il-pakkett finanzjarju.

*L-ewwel aggravju:* *[id-deċiżjoni tat-Tribunal hija legalment żbaljata]*

25. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal kien żbaljat għaliex l-elementi stipulati fil-liġi sabiex ikun jista' jingħad li kien hemm 'diskriminazzjoni', ma ġewx sodisfatti, u għalhekk it-Tribunal ma setax jikkonkludi li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellati. Is-soċjetà appellanta qalet li kien hemm qbil mal-*union* dwar il-forma u n-natura tal-kumpens li kellu jitħallas lill-impjegati ssensjati, u għalhekk ma jistax jingħad li r-*redundancy packages* mhumiex ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Qalet ukoll li l-kriterji tal-eliġibbilità għal dan il-pakkett finanzjarju ma kellhom ebda element diskriminatorju, għaliex dawn il-kriterji applikaw b'mod ugwali għall-impjegati kollha fl-istess kategorija. Qalet li kien hemm kriterji ta' eliġibbilità u għalhekk ma jistax jintqal li l-pakketti tqassmu arbitrarjament, u kellu jirriżulta li l-appellati ma ssodisfawx il-kriterji ta' eliġibbilità stabbiliti. Is-soċjetà appellanta qalet li ma setax jiġi deċiż li kien hemm diskriminazzjoni għaliex hija mxiet bl-istess mod ma' kulħadd.

26. Din il-Qorti tibda billi fl-ewwel lok tirrileva li mill-atti ħareġ ċar li kuntrarjament għal dak li qegħda tallega s-soċjetà appellanta, ma kien intlaħaq l-ebda ftehim mal-*union* dwar il-kumpens li kellu jingħata lill-ħaddiema, tant hu hekk li s-soċjetà appellanta spiċċat ħadet il-pożizzjoni ta' *take it or leave it.* Kien dan in-nuqqas ta' qbil dwar il-kumpens li kellu jiġi offrut, li wassal biex għadd ta' ħaddiema bdew jirriżenjaw mill-impjieg minn jeddhom, u minkejja li xi drabi dawn infurmaw lill-*union* bid-deċiżjoni tagħhom, il-parir li ngħataw mid-diriġenti tal-*union* kien li huma kellhom jistennew sabiex in-negozjati jiġu konklużi. Mill-provi jirriżulta li wara li skada l-perijodu ta' konsultazzjoni, baqa' ma ntlaħaq l-ebda qbil, u kien għalhekk li diversi impjegati bdew jirriżenjaw mill-impjieg minn jeddhom, partikolarment dawk li sabu li ma setgħux jaħdmu bis-sistema tat-*three shift* li ġiet imposta fuqhom mill-kumpannija. Għaldaqstant il-Qorti tibda billi minn issa tiddikjara li s-soċjetà appellanta mhijiex tkun leali lejn il-fatti bil-pożizzjoni li qiegħda tivvanta f'dan l-appell.

27. Il-Qorti tirrileva wkoll li kienet is-sistema arbitrarja mfassla mis-soċjetà appellanta nnifisha, li wasslet biex kien hemm għaġġla inkonsulta da parti tal-impjegati li bdew jirriżenjaw mill-impjieg anki qabel ma ġew fi tmiemhom in-negozjati bejn il-kumpannija u l-*union.* Il-fatt li s-soċjetà appellanta stabbiliet li kien ser ikun hemm għadd ta' impjegati, immaterjalment jekk dan in-numru kienx 33 jew 35, li setgħu jingħataw ir-*redundancy package,* u dan f'każ biss li r-riżenja tagħhom issalva l-impjieg ta' ħaddieħor li kien ser jintlaqat bis-sensja, flimkien mal-fatt li s-soċjetà appellanta żammet informazzjoni sensittiva mistura mill-impjegati tagħha, fosthom informazzjoni dwar kemm impjegati

setgħu jirċievu l-kumpens minn kull Taqsima tal-fabbrika, wassal għal sitwazzjoni fejn l-impjegati bdew joffru r-riżenja tagħhom bil-ħsieb li ser ikunu eliġibbli għall-kumpens offrut, meta dan ma kienx il-każ għaliex in-numru ta' ħaddiema li setgħu jingħataw il-kumpens kien intlaħaq. Fil-fatt mill-provi rriżulta li kien hemm aktar impjegati li rriżenjaw minn kemm kien maħsub oriġinarjament, bir-riżultat li kien hemm xi persuni li baqgħu ma tħallsux ir-*redundancy package.*

28. Din il-Qorti, minkejja li taqbel mal-konklużjoni tat-Tribunal li kien hemm diskriminazzjoni lampanti, partikolarment għaliex persuni li ma kinux eliġibbli għall-kumpens ingħataw il-kumpens, minkejja li dawn kienu rriżenjaw qabel bdew in-negozjati mal-*union,* u minkejja li dawn ma salvaw l-impjieg ta' ħadd bir-riżenja tagħhom, madanakollu ma taqbilx mat-Tribunal fejn dan qal li l-appellati għaġġlu jew li dawn ma kinux responsabbli biżżejjed fid-deċiżjoni tagħhom. Mill-provi jirriżulta li l-appellati t-tnejn ħadu ż-żmien tagħhom u ppruvaw jiksbu kemm setgħu informazzjoni mingħand il-*management* tal-kumpannija qabel ħadu d-deċiżjoni tagħhom, u kien biss wara li huma ġew aċċertati li kienu ser ikunu eliġibbli għall-ħlas tar-*redundancy package,* li dawn irriżenjaw. Li però ħadd ma qal lill-appellati huwa hemm kien in-numru pre-stabbilit ta' pakketti li setgħu jitħallsu, u li ladarba jinqabeż in-numru stabbilit ta' riżenji mit-Taqsima tagħhom, huma ma kinux ser ikunu eliġibbli għal dak il-kumpens. Il-ħabi ta' informazzjoni daqstant sensittiva u li setgħet tkun il-bażi li fuqha impjegat jiddeċiedi jirriżenjax jew le, wasslet f'dan il-każ biex l-appellati sfaw diskriminati minn ħaddiema sħabhom fl-istess Taqsima, li ma qagħdux

jistennew li n-negozjati jiġu fi tmiemhom, iżda f'żewġ każijiet minnhom taw ir-riżenja tagħhom hekk kif saru jafu bit-tibdil fil-ħinijiet tax-xogħol. Is-sistema arbitrarja mfassla mis-soċjetà appellanta wasslet biex saret diskriminazzjoni bejn ħaddiema li ma stennewx u li kienu minn tal-ewwel li rriżenjaw, u l-appellati li ppruvaw jirregolaw ruħhom u jiksbu kemm setgħu informazzjoni qabel finalment iddeċidew li jirriżenjaw. Ċertament li la kien hemm xejn irresponsabbli u lanqas xejn li b'xi mod għandhom iwieġbu għalih l-appellati għal dan kollu. Din il-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li kien hemm xi kriterju ta' eliġibbilità li l-appellati ma ssodisfawhx, jew li l-kumpannija imxiet ma' kulħadd bl-istess mod. Dan ma jistax jingħad, għaliex almenu f'żewġ każijiet tħallsu *redundancy packages* lil impjegati li taw ir-riżenja qabel kienu bdew it-taħdidiet mal-*union,* u li bir-riżenja tagħhom ma salvaw l-impjieg ta' ħadd mill-impjegati li kienu ser jiġu ssensjati bit-tħaddim tal-prinċipju *last in, first out.* Għall-Qorti dan l-aġir jinkwadra ruħhu perfettament fid-definizzjoni ta' 'trattament diskriminatorju' mogħtija fl-artikolu 2 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jitkellem dwar *"kull distinzjoni, esklużjoni jew negazzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluż diskriminazzjoni ..."*. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Jackie Jordan *vs.* British High Commission**[2], fejn ingħad illi:

> *"B'danakollu, mill-perspettiva tad-diskriminazzjoni hu aċċettat illi fil-każ ta' "<u>redundancy payments</u>", u din tidher li hi l-materja saljenti hawnhekk, "the method of calculation must be the same for all employees who are made redundant." Ara*

[2] 26.03.2010.

***Selwyn "Law of Employment",*** *15th Edition, 2008, taħt il-kapitolu "Discrimination in Employment" (para 4.1 et sequitur);*

*Jista' forsi jiġi objettat illi l-każ ta' Nadienne Gatt kien wieħed speċjali għaliex din ġiet offruta li titlaq u allura r-redundancy tagħha kienet waħda volontarja u mhux forzata. Kontra dan irid jingħad illi t-test veru għad-determinazzjoni dwar jekk att partikolari jammontax għal diskriminazzjoni hu dejjem oġġettiv. Dan fis-sens li wieħed għandu jħares lejn x'ġara u mhux għall-motiv jew raġunijiet ta' dak li ġara."*

29. Din il-Qorti hija konvinta illi mill-assjem tal-provi, għandu jirriżulta li l-mod li bih imxiet is-soċjetà appellanta huwa wieħed diskriminatorju fil-konfront tal-appellati, u għalhekk tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: [id-deċiżjoni appellata mhijiex motivata]*

30. Skont is-soċjetà appellanta, id-deċiżjoni appellata ngħatat fuq fatti żbaljati, u minkejja li t-Tribunal ikkonkluda li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellati, id-deċiżjoni hija nieqsa mill-motivazzjoni.

31. Il-Qorti, filwaqt li tosserva li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex waħda twila, madanakollu ma jistax jintqal li hija msejsa fuq fatti żbaljati. Is-soċjetà appellanta naqset milli tgħid liema fatti msemmija fid-deċiżjoni tat-Tribunal huma żbaljati, u għalfejn hija nieqsa mill-motivazzjoni. Il-Qorti diġà tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn ma taqbilx ma' ċerti konklużjonijiet tat-Tribunal, senjatament li l-appellati kienu "mgħaġġlin biex jirriżenjaw" jew li dawn kienu "irresponsabbli", iżda ma tistax tasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni aħħarija tat-Tribunal, jiġifieri dik li kien hemm diskriminazzjoni, li t-Tribunal iddeskriva bħala

"lampanti", mhijiex waħda korretta. Din il-Qorti tqis li l-konsiderazzjoni tat-Tribunal li f'dan il-każ il-*management* ivvinta kundizzjonijiet, u neħħa d-drittijiet ta' uħud mill-ħaddiema, filwaqt li ta drittijiet lil min ma kienx eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja li ngħatat, u l-fatt li l-għoti tal-kumpens kien marbut mal-kundizzjoni li jridu jiġu salvati xi impjiegi, jammonta għal trattament diskriminatorju. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**